MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 699/2001/1

**Margaret Bezzina u zewgha Francis Bezzina**
**ghal kull interess illi jista' jkollu**

**-vs-**

**Simon Fenech Ltd**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess:

Illi l-atturi huma krudituri tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' erbat elef erba' mija u sitt Liri Maltin (Lm4,406) rappresentanti bilanc ta' *commisions* u *incentive scheme* rigwardanti bejgh ta' *kitchenware* importati minn u

proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u liema *kitchenware* l-attrici kienet tbiegh fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata thallas naqset.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kap. 12) u in vista tal-affidavit ta' Margaret Bezzina (Dok. A) l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef erba' mija u sitt Liri Maltin (Lm4,406) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar, 2001, ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Marzu, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru ta' l-10 t'April, 2001 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta. B'rizerva ghal *commisions* ohra li ghadhom mhux dovuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Simon Fenech Ltd. a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, fl-ewwel lok l-irregolarita' tal-procedura bil-giljottina, stante li l-atturi kienu jafu qabel li l-pretenzjoni taghhom hija kkontestata permezz ta' diversi telefonati u laqgha fl-ufficju tas-socjeta' konvenuta li saru sew qabel il-prezentata tac-citazzjoni, u b'dana kollu huma xorta halfu li sa fejn jafu huma ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta u illi d-dejn huwa cert likwidu u dovut.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-attur Francis Bezzina u s-socjeta' konvenuta u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li s-somma mitluba mill-atturi m'hijiex dovuta.

4. Illi l-atturi ghandhom jaghtu spjegazzjoni u rendikont dettaljat dwar kif wasslu ghall-figura ta' erbat elef erba' mija u sitt Liri Maltin (Lm4,406) minnhom mitluba.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

6. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 91 li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attrici qed titlob is-somma ta' Lm4,406 rapresentanti bilanc ta' 'commissions' u 'incentive scheme' rigwardanti bejgh ta' *kitchen ware* li hi ghamlet f'isem l-istess socjeta' konvenuta.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kienet giet michuda bis-sentenza a fol 91 imsemmija.

Dwar it-tieni eccezzjoni dina ma tistax tigi milqugha billi l-attur Francis Bezzina huwa r-ragel ta' l-attrici u bhala zewgha ghandu interess minhabba l-kommunjoni li hemm bejnithom li jkun parti fil-kawza.

Is-socjeta’ konvenuta eccepiet fil-mertu illi s-somma mitluba mill-attrici mhix dovuta u li l-attrici ghandha taghti spjegazzjoni ta’ din is-somma li qeghda titlob.

**PROVI**

**L-attrici** spjegat li mal-kumpanija konvenuta hi kienet timmanigja *team* ta’ *salespersons* u kienet *salesrepresentative*. Fl-ewwel rwol kienet taqla’ 5% *commission* fuq il-bejgh: din kienet maqsuma f’’*Commission* A ta’ 2% li kellha tithallas meta jsir id-depozitu fuq il-bejgh u *Commission* B, 3% rapprezentanti l-bilanc malli l-prodott jasal ghand il-klijenti u jsir il-hlas. Bhala *salesrepresentative* kellha kummissjoni ohra ta’ 20% fuq bejgh li tkun ghamlet hi personali.

L-attrici xehdet li bdiet tahdem mas-socjeta’ konvenuta fis-26 ta’ Ottubru 1997 u waqfet minn *manager* fil-31 ta’ Dicembru 1998. Matul dan il-perjodu kien sar bejgh ammontanti ghal Lm48,941 u il-*commission* dovuta bir-rata ta’ 5% hija ta’ Lm2,447 (Ara fol 26 u 30). Xehdet li hi kienet thallset l-ammont ta’ Lm552 akkont u kien baqa’ bilanc ta’ Lm1,895.

Fil-kapacita’ taghha bhala *salesrepresentative* ghad fadlilha tiehu Lm1,956 Dok C a fol 32-33 ghall-perjodu sa Jannar 2001 u Lm585.44 Dok D a fol 34 dovuti ghall-perjodi: Janar 2001 sa April 2001. B’kollox ghandha tiehu Lm4,436.44 u li d-differenza ta’ Lm30.44 mit-talba originali fic-citazzjoni hija ghal *commission* fuq ordni ta’ M. Scerri (a fol. 88) peress illi d-*delivery* saret wara li giet intavolata l-kawza odjerna. Ghad hemm ordnijiet ohra pendenti u li ghandha tiehu kummissjoni ta’ Lm459.72 fuqhom Dok E fol 35.

L-attrici xehdet illi ma kienx veru illi kellha ttella’ certu ammont ta’ bejgh u li ried ikollha izjed minn tlett agenti biex tiehu *commission* bhala *manager*. Fil-fatt is-socjeta’ konvenuta dak iz-zmien xorta wahda kienet halsitha it-2% allavolja ma kellhiex tlett agenti jahdmu maghha u l-kwoti ma kienitx lahqithom inizjalment u dwar dana ghamlet referenza ghad-dokument a fol. 148.

L-attrici xehdet illi kancellamenti ta' ordnijiet kienu minimi tant illi fl-1997 ordni wahda biss giet ikkancellata. Fl-eventwalita' illi l-ordni tigi kkancellata d-depozitu ma kienx jigi rifuz u minkejja dan is-socjeta' konvenuta qeghda tippretendi illi hi thallas lura it-2% *commission* li tkun qalghet mad-depozitu. F'Jannar 1998 kien hemm bejgh ta' Lm6,085 li minnhom ma kienx hemm kancellamenti u fi Frar kien hemm Lm5,905 li l-anqas hawn ma kien hemm kancellamenti (saret referenza ghad-dokumenti a fol. 148 u 149). B'referenza ghad-dokument a fol. 121 xehdet illi mhux vera kif hemm miktub illi kien sar bejgh minn Simon Fenech (imarkat bhala '*sold by Simon'*) izda hi kienet ghamlet dan il-bejgh. Fir-rigward ta' l-ordnijiet bin-numru 848, 854, 855 u 851, (ara fol 116) mhux veru li rceviet *Commission* B minghand is-socjeta' konvenuta u dan kif jirrizulta mid-dokumenti a fol. 35 et seq imhejjin mill-attrici stess.

**Il-konvenut Simon Fenech** xehed li kien ghamel lista ta' *commissions* dovuti lill attrici sal-31 ta' Dicembru 2000 u kien ddiskutihom maghha fl-ufficcju tieghu pero' kien hemm nuqqas ta' qbil rigward l-"*incentive scheme*" li biha l-attrici kellha ddahhal tlett agenti li jkun attivi u tilhaq minimum ta' Lm3,000 f'*sales*. Hu jghid li l-kummissjoni kienet tvarja u kienet tibda bi 3% fuq minimu ta' Lm3,000 bejgh, 4% fuq Lm4,000, u 5% fuq Lm5,000 u izjed. Hu xehed li ma jafx kemm kellu jaghti lill attrici billi r-*records* u dokumenti qeghdin ghand l-attrici.

B'referenza ghad-dokument a fol. 109 il-konvenut spjega illi fix-xahar ta' Ottubru 1997 l-attrici ma kienitx lahqet il-kwota ta' bejgh necessarju u lanqas kellha reklutati maghha tlett agenti biex tikkwalifika ghall-*incentive scheme*. Gara hekk ukoll fix-xahar ta' Novembru 1997. Hu xehed illi ghalkemm kien ikun hemm ordnijiet ammontanti ghal Lm3,000 ftit minnhom kienu jigu kkancellati u hemmhekk il-kummissjoni ma kienitx tinghata. Xehed illi l-*commission* tithallas fuq il-bejgh mhux fuq l-ordnijiet. Fix-xahar ta' Dicembru 1997 il-kundizzjonijiet kollha biex l-attrici kienet tikkwalifika ghal *incentive scheme* kienu ntlahqu u kienet lahqet *sales* netti

ta’ Lm4,084 u kienet eligibbli ghal *commission* ta’ 4% li jammontaw ghal Lm192 li thallset taghhom. Fix-xahar ta’ Jannar 1998 tellghet *sales* netti ta’ Lm3,496 u kkwalifikat ghall-*commission* ta’ Lm105. Fi Frar bieghet bi Lm3,782 prodotti u hadet Lm133 bhala *commission*. Fix-xahar ta’ Marzu ma kenitx eligibbli ghall-*commission* ghax ma kelliex tlett agenti attivi maghha. Dan it-tip ta’ rendikont baqa’ sejjer sax-xahar ta’ Dicembru 1998.

L-attrici xorta baqghet tahdem fis-sena 1999 izda ma kklemjat l-ebda *commission* ghaliex ma kelliex agenti jahdmu maghha u ma tellghetx il-kwota. Bejn 1997 u 1998 kienet eligibbli u thallset Lm410 *commissions*. Kienet prassi illi jaghtuhom *incentive on account* u kien taha Lm552 illi minnhom kienet eligibbli ghal Lm410. Ghalhekk kien baqa’ bqija ta’ Lm142 u dawn naqqashomlha mill-kontijiet tas-sena 2000. Ghar rigward ta’ din l-*incentive scheme* hu ma fadallu jaghtiha xejn. Ma kienx hemm *agreement* bil-miktub dwar l-*incentive scheme* ghax kienu ftehmu verbalment hi u hu.

Il-konvenut xehed illi hu kien hallas lil attrici *commission* ta’ Lm2,250 ghas-sena 1998 izda hi kellha taghtih il-VAT invoice u baqghet ma taghthielu qatt. Fl-1999 il-*commissions* telghu ghal Lm3,409 u hi riedet taghmillu fattura ta’ Lm2,950 ghalhekk gieghlha ggiblu VAT registration. Fis-sena 2000 kien hemm xi *commissions* li hi nizzlet li ma kienux taghha u kien hemm *commissions* li kienu inkluzi fis-sena 1999 u regghet inkludiethom fis-sena 2000.

Il-konvenut xehed illi l-attrici kienet qeghda titlob Lm2,893 izda meta hadem il-kalkoli hu fil-fatt sab li kellu jaghtiha Lm2,469 li minnhom kien hallasha Lm1,236. Xehed illi minn dawn kellhom jitnaqqsu Lm142 li kien taha bhal *payment on account,* Lm70 ordni ta’ borma li ghadha pendenti u li hu kien diga’ hallasha *commission* fuqha u Lm300 ta’ equipment li kienet kisret. Dwar *commission* bhala *salesrepresetnative* xehed illi hu jaqbel illi ghandu jaghtiha Lm1,098 li minnhom iridu jitnaqqsu l-ammont ta’

hsara li ghamlet l-attrici fl-*equipment* u xi *sample equipment* li ghadu fil-pussess taghha.

Dwar id-depoziti xehed li dawn ma kienux *refundable* (fol 173) u meta ma kienx isir bejgh u d-depozitu jinzamm, ma kienitx tithallas *commission* ghaliex il-bejgh ma jkunx sar. Xehed illi *Commission* A kienet pre-payment biex hu jghin lil agenta halli ma toqghodx tistenna sena u nofs sakemm jithallas il-prodott kollu. Ma jiftakarx kemm kien il-persentagg ta' *commission* f'*Commission* A u ma kellux dokumenti ghax il-files kienu qeghdin ghand il-likwidatur.

B'referenza ghad-dokument a fol. 123 dwar prodotti mhux kkonsenjati, ix-xhud qal illi ma kienx jaf jekk il-kunsinna saritx qabel jew wara ma l-kumpanija tieghu waqfet topera minhabba li kellu sekwestru fejn gie mgieghel jieqaf jinnegozja.  Hu xehed illi nesa' jekk l-attrici kienetx thallset il-bqija tal-*commission* ta' dawn l-ordnijiet pendenti li kienu tas-sena 2000.   Hu xehed illi ma hallasx lil attrici xi *commissions* ta' l-ahhar ghaliex kienet zammet xi affarijiet tal-kumpanija.

**Dr. Anthony Cassar** xehed li hu jahdem bhala awditur u gie appuntat bhala likwidatur tas-socjeta' konvenuta. Xehed li  informazzjoni li ghandhu gabha minghand Simon Fenech li qallu dan l-attrici kellha tiehu bhala *management commission* is-somma ta' Lm3,000 u bhala *commissions* fuq bejgh normali Lm1,000 u cioe b'kollox kellha tiehu Lm4,000. Skond Simon Fenech mhux it-tlett agenti kollha kienu attivi u allura Fenech qed jghid illi l-*Management Commissions* m'humiex dovuti.  Ghalhekk minn Lm4,000 nizlu ghal Lm1,000.

Ix-xhud kompla jghid li Simon Fenech tah din l-iinformazzjoni imma  lil attrici qatt ma kellimha dwarha. Xehed illi fil-kotba tal-kumpanija m'hemmx l-informazzoni kollha (dawn huma *speci ta' kotba)* u ma jirrizultax li hemm xi ammont dovut lil attrici izda l-kotba m'ghamilhomx hu izda writhom.  Mid-dokumenti li ghandu x-xhud ma jirizultax x'tip ta' *commission* kellha tithallas l-attrici.  Simon Fenech qallu li kien hemm *claim* minn naha

ta’ l-attrici imma l-attrici kellha xi apparat fil-pussess taghha li jiswa’ Lm600 u li harqet xi hob li tiswa Lm200.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attrici qed titlob is-somma ta’ Lm4,406 konsistenti fl-ammont ta’ Lm1,895 bilanc ghal *commission* bhala *manager* tas-*salespersons* u Lm1,956 sa Jannar 2001 u Lm585.44 minn Jannar 2001 sa April 2001 bhala *salesrespresentative*, kif dettaljatament spjegat fix-xhieda taghha hawn fuq riportata, u mid-dokumenti ezibiti.

Il-konvenut qed jikkontesta dina t-talba ta’ l-attrici billi l-ewwelnett mhux qed jaqbel ma’ l-attrici dwar x’*commission* kellha tithallas u fit-tieni lok f’liema cirkostanzi kellha tithallas dina l-*commission*. Il-konvenut jirritjeni li l-*commission* kienet a skaletta skond is-*sales* u kienet dovuta biss jekk l-attrici tirrekluta tlett agenti attivi u ttella minimum ta’ Lm3,000 sales. Jekk dan ma kienx isir ma kienx ikun hemm *commission* dovuta.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti tasal biex taccetta l-versjoni ta’ l-attrici dwar kif kienet dovuta l-*commission* cjoe 2% fuq id-deposit u 3% fuq il-kuntratt finali 3% - *commission* A u B - u li dina l-*commission* ta’ 2% kienet tithallas fuq id-depozitu anke meta jkun hemm kancellament. Inoltre jirrizulta mill-provi prodotti li anke meta l-attrici ma kienitx qed ikollu tlett agenti jahdmu maghha jew ma kienitx qed itella l-kwota ta’ Lm3,000, hija kienet tinghata l-*commission*.

Jirrizulta li bejn l-attrici u l-konvenut ma kien sar ebda ftehim bil-miktub dwar dana l-arrangament fuq il-*commission* u kien hemm biss ftehim verbali, ghalhekk f’dan in-nuqqas il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taccetta l-versjoni ta’ l-attrici ta’ kif kien il-ftehim billi l-versjoni taghha hija konfortata mill-provi u d-dokumenti ezibiti.

Kwantu ghall-ammont mitlub mill-attrici ghal dina l-*commission* A u B l-attrici pprezentat l-*istatements* taghha, u spjegat dettaljatament ta’ x’hiex qed tippretendi l-

*commission*. Minn naha l-ohra l-konvenut l-ewwel xehed li m'ghandux *records* u dokumenti ghax dawn qeghdin ghand l-attrici. Imbaghad meta gie ppressat biex jispjega fejn mhux qed jaqbel mat-talbiet attrici, xehed li d-dokumenti qeghdin ghand il-liwkidatur, imma meta dan xehed qal li m'ghandu kwazi xejn, u li kull ma jaf huwa dak li qallu l-konvenut. F'dan l-istat ta' provi l-Qorti ma tistax ma taccettax il-pretensjoni ta' l-attrici f'dan ir-rigward kif spjegat fid-dokumenti minnha ezibiti.

Kwantu ghall *commission* bhala *salesprepresentative* il-konvenut qed jammetti li huwa ghandu jaghti biss lill attrici s-somma ta' Lm1,098 imma anke hawn jghid li minn dawn ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' hsara li ghamlet l-attrici fl-*equipment* u xi *sample equipment* li ghadu ghandha. Dwar din ta' l-ahhar l-attrici xehdet li hija lesta li tirritornaha meta tithallas il-*commission* dovuta lilha. Kwantu ghall allegati hsarat il-Qorti tirrileva li ma ngabet l-ebda prova dwar dawn l-allegazzonijiet ghalhekk dina l-talba ma tistax tigi milqugha.

Dwar dina l-*commission* l-attrici qed tippretendi s-somma ta' Lm1,956 u Lm585.44 u ma ngabet ebda prova ghaliex dina t-talba m'ghandiex tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba attrici ghall ammont ta' erbat elef erba' mija u sitt liri Maltin (Lm4,406)
B'rizerva ta' kull ammont iehor spettanti lill-attrici li seta gie dovut pendenti lite.
Spejjes ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------